**Konklużjonijiet li ħarġu**
**mill-ASSEMBLEA PASTORALI PARROKKJALI 2009 *****

# PJAN PASTORALI 2010

***"U meta nintrefgħu 'l fuq mill-art, aħna niġbdu l-Bnedmin kollha lejna"***

Il-motto li Mons. Arċisqof Pawl Cremona OP għażel, biex il-Pjan Pastorali tad-Djoċesi għat-tliet snin 2009 – 2011 jilħaq l-għan tiegħu hu bbażat fuq l-istess kliem ta' Kristu:

***" u meta nintrefa' ' l fuq mill-art,***
***jien niġbed il-bnedmin kollha lejja"***

***(GW. 12, 32)***

Dan il-pjan irid jgħina naslu biex inkunu xhieda akbar individwalment, bħala Knisja, u bħala Parroċċa, ħalli nressqu u niġbdu lill-bnedmin kollha, b'mod speċjali lin-nies kollha tal-Parroċċa, lejn Ġesu'.

F'dan il-pjan, **l-Ispirtu ta' Ġesu' fina,** jibqa' ta' l-akbar importanza u jrid jimla kull inizjattiva, attivita' u spirtu ta' mħabba li minnu ningħarfu li aħna Tiegħu. Filwaqt, li nkomplu nsaħħu l-Pjan Pastorali li ħdimna fuqu matul is-sena li għaddiet, irridu nkomplu nħarsu 'l quddiem lejn dak li rridu nwettqu matul l-2010, filwaqt li nkunu qed nieħdu sehem f'dak li hu diġa ppjanat li jsir tul is-sena ċentinarja.

**Għaldaqstant għandu:**

- Isir aktar enfasi fuq l-importanza li l-operaturi pastorali kollha jingħataw Formazzjoni Spiritwali permezz ta' irtiri, seminars u ħinijiet ta' Adorazzjoni.
- Issir ħidma akbar biex tingħata l-aħjar Formazzjoni Spiritwali u Liturġika lil dawk kollha li jwettqu xi ministeru ligurġiku.
- Issir aktar promozzjoni lill-opportunitajiet ta' tagħlim li hawn fil-parroċċa, għal kbar u għal oħrajn, li jsiru minn żmien għal żmien, bħal korsijiet ta' formazzjoni, eżerċizzi u seminars.
- Ikompli jsir kull sforz biex kulħadd, ġenituri u mhumiex, jifhem li t-tagħlim organizzat għalihom fil-Parroċċa u fl-Għaqdiet, hu bżonn għat-tisħih tal-Fidi Nisranija tagħhom.
- Isiru żjajjar lill-familji mis-Saċerdoti b'mod regolari speċjalment f'okkażjonijiet ta' Magħmudija, Preċett, Griżma u anki fil-mumenti ta' niket, bħal ma hi Mewt biex tintwera' solidarjeta' mal-familjari.
- Inkomplu nsaħħu l-Kummissjoni Djakonija biex tkun tista' tilħaq il-bżonnijiet ta' diversi kategoriji ta' nies fosthom Anzjani, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali, Nies li jgħixu weħidhom, Nanniet li jieħdu ħsieb it-tfal ta' uliedhom u Morda fi djarhom.
- Inkomplu nħeġġu aktar koppji miżżewġa biex jissieħbu fil- Gruppi Familji Nsara.

- Isiru magħrufa aktar is-servizzi ta' għajnuna li jingħataw mid-Dar ta' Kana, li għandna fil-Parroċċa stess, ħalli aktar nies jagħmlu użu mis-servizzi utli li toffri.

- Nħeġġu aktar lill-ġenituri biex jakkumpanjaw lil uliedhom għall-quddiesa ta' kuljum qabel l-iskola, u ta' kull nhar ta' Ħadd.

- Tkompli ssir propaganda akbar għall-ħidma li diġa' qed issir fost iż-żgħażagħ u adoloxxenti ħalli ħafna oħrajn jissieħbu mall-gruppi u l-għaqdiet li għandna.

- Ikompli jsir sforz kollettiv akbar biex aktar żgħażagħ jattendu l-quddiesa tal-Ħadd fis-7.30 ta' filgħaxija, animata minnhom stess u ċċelebrata minn saċerdot żagħżugħ li qed jieħu ħsieb id-direzzjoni spiritwali kemm taż-żgħażagħ u kemm ta' l-adoloxxenti.

- Ninvolvu u naħdmu aktar flimkien mal-Parroċċi fi ħdan l-Unita' Pastorali (Unita' 12) u dawk tal-viċinanzi, partikolarment f'din is-sena ċentinarja.

Niftakru dejjem li l-ħeġġa u l-entużjażmu fil-ħidma tagħna jagħtu l-frott u niġbdu l-bnedmin lejn Kristu, jekk f'dak li nagħmlu jkollna dejjem intenzjoni retta, ħielsa minn kull interessi personali . Il-ko-operazzjoni u s-sehem minn kulħadd huma ferm apprezzati biex dan kollu jkun jista' jitwettaq.

Iċ-Ċelebrazzjonijiet ta' l-Ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa, bil-motto **NIKBRU, NIĠĠEDDU u NISSAĦĦU FI KRISTU** għandhom ikunu okkażjoni sabiħa biex dan il-Pjan inwettquh b'impenn.

***** Infakkru li r-Rapport dettaljat dwar il-Laqgħa ta' l-Assemblea Parrokkjali li nżammet nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 2009, ġie ppubblikat fil-ħarġa tal-fuljett, IS-SALTNA, tax-xahar ta' Diċembru 2009.**